# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Każ Nru 2852/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Gordon Fino Grixti

u

St. Patrick's Salesians School

dwar tkeċċija mill-impieg

allegata li hi inġusta

Data: 22 ta' Jannar 2014

## DIGRIET

**Chairman: Franco Masini**

It-Tribunal Industrijali ra żewġ Rikorsi, kważi identiċi, magħmula fis-16 ta' Jannar 2014 u li ġew a konjizzjoni tiegħu fis-17 ta' Jannar 2014.

Innota li bażikament dawn ir-Rikorsi (a) jirreferu għal kontenut ta' Rikors li dan it-Tribunal kien sfilza fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2014 li kien jitratta għal darb'oħra fuq talba għar-rikuża taċ-*Chairman* odjern, (b) jitlob lit-Tribunal biex jinforma lill-istess Rikorrent fuq kif għandu jipproċedi, u (ċ) jitlob li t-Tribunal jordna eżami mediku tar-Rikorrent li jgħid li qiegħed fuq strajk tal-ġuħ.

Dwar (a) it-Tribunal għal diversi drabi ċaħad it-talba persistenti tar-Rikorrent biex iċ-*Chairman* jirrikuża ruħu għax it-talba kienet infondata fil-fatt u fid-dritt. Din id-deċiżjoni hija finali iżda biex ir-Rikorrent jifhem aħjar għaliex ingħatat it-Tribunal, għad li mhux tenut jagħmel dan, sejjer jispjega fid-dettal. Ir-Rikorrent ibbaża it-talba tiegħu fuq l-Artikolu 734 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u senjatament għas-sub-artikolu (1) sub-inċiżi (b), (c), (d i), (d iv), (e) u sub-artikolu (2).

Is-sub-artikolu (1)(b) jitkellem dwar parentela diretta jew b'affinità bejn min jippresjedi u xi waħda mill-partijiet li jidhru quddiemu u jelenka fid-dettal l-imsemmija gradi ta'parentela. Iċ-*Chairman* odjern jiddikjara li huwa ma jiġi bl-ebda mod la kif elenkat fit-tali sub-artikolu jew

b'xi mod ieħor ma' ebda waħda mill-partijiet. Fil-każ ta' l-Iskola Intimata huwa ma' għandu assolutament l-ebda parentela mad-diriġenti jew proprjetarji ta' dik l-iskola u għalhekk dak li qed jallega r-Rikorrent huwa għal kollox bla bażi.

Is-sub-artikolu (1) (ċ) jitkellem dwar meta l-ġudikant ikun tutur, kuratur, jew eredi prospettiv ta' xi waħda mill-partijiet. Isemmi ukoll jekk huwiex jew qatt kien agent ta' xi waħda mill-partijiet, jekk huwa amministratur ta' min huwa mdaħħal fil-każ quddiemu jew jekk xi waħda mill-partijiet hija l-eredi presunt tiegħu. Iċ-*Chairman* odjern jiċħad bil-qawwa kollha li huwa tutur, kuratur, eredi prospettiv, jew li huwa jew qatt kien aġent jew amministratur tal-Iskola Intimata. Jinnega wkoll illi xi waħda mill-partijiet hija eredi presunt tiegħu. Għaldaqstant dak li allega ir-Rikorrent huwa għal kollox bla bażi.

Is-subartikolu (1) (d i) jitkellem dwar jekk il-ġudikant ikunx ta parir, kiteb jew ittratta dwar il-każ jew fuq xi materja konnessa miegħu jew dipendenti minnu. Iċ-*Chairman* odjern jiddikjara li qatt ma għamel dak kollu li jindika dan is-sub-artikolu in konnessjoni ma' dan il-każ. Dak li qed jallega r-Rikorrent huwa għaldaqstant bla ebda bażi.

Is-sub-artikolu (1) (d iv) jitkellem dwar jekk il-ġudikant ikun xehed jew ikun se jixhed fil-każ quddiemu. Iċ-*Chairman* qatt ma xehed u mhux jistenna li jkun xhud f'dan il-każ. Għaldaqstant dak li qed jallega ir-Rikorrent huwa assolutament bla bażi.

Is-sub-artikolu (1) (e) jitkellem dwar il-fatt li ġudikant, jew il-mara tiegħu, ikollu interess dirett jew indirett fil-materja tal-każ. Iċ-*Chairman* odjern jiċħad bl-iktar mod assolut li la hu u l-anqas il-mara tiegħu ma għandom xi interess dirett jew indirett fil-każ in kwistjoni. Għaldaqstant dak li qed jallega r-Rikorrent huwa assolutament bla bażi.

Finalment is-sub-artikolu (2) jitkellem dwar jekk il-ġudikant ikun b'xi mod ittratta dwar il-materja tal-każ meta kien qed jippresjedi bħala mħallef fil-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Voluntarja. Iċ-*Chairman* odjern la huwa mħallef u lanqas huwa maġistrat u għaldaqstant mhux biss ma għamilx dan iżda qatt ma sata' jippresjedi f'Qorti ta' Gurisdizzjoni Voluntarja. L-allegazzjoni tar-Rikorrent hija għaldaqstant assolutament bla bażi.

Li huwa serju ħafna huwa l-fatt li għal diversi drabi l-allegazzjonijiet li huma assolutament u manifestament inveritieri saru mir-Rikorrent f'atti ġudizzjarji bil-ġurament tiegħu.

Dwar (b) It-Tribunal ma jistax kif mitlub jindika lill-partijiet kif għandhom jipproċedu. It-Tribunal qiegħed hemm biex jisma l-każ u jagħti deċiżjoni. L-parir ta' kif parti għandha tipproċedi jagħtijielha min ikun qed jassistiha. It-tliet avukati li kellu s'issa r-Rikorrent sgur li indikawlu l-mod kif għandu jimxi.

Dwar (ċ) it-Tribunal ma għandu l-ebda dritt jew obbligu li jibgħat xi tabib biex jeżamina lir-Rikorrent u għaldaqstant din it-talba qed tiġi miċħuda. Mar-rikorsi kien hemm fotokopji, u mhux l-oriġinali ta' ċertifikat mediku. Dawn il-fotokopji ma kienu ċari xejn iżda jidher hemm xi referenza għal xi għejja. Dina skond ir-Rikorrent hija minħabba strajk tal-ġuħ li qal li qed jagħmel. Peress illi din hija kundizzjoni *self-inflicted* mhix raġuni valida għaliex ma jkunx preżenti biex jiġi konkluż dan il-każ.

Ir-Rikorrent qed jitlob tliet xhur żmien biex isib Avukat (ir-raba' wieħed tiegħu). Mhux l-ewwel darba li meta biddel Avukat ir-Rikorrent talab differiment ta' tliet xhur. It-Tribunal jinnota li l-Iskola Intimata ilha li spiċċat mill-provi tagħha mill-4 ta' Mejju 2012 u r-Rikorrent beda' bil-provi tiegħu fis-7 ta' Mejju tal-2012 u min dakinhar s'issa xehed hu u talla' xhud wieħed biss avolja kien hemm disa' seduti oħra nkluża tal-lum. Il-liġi stess teżiġi speditezza f'każi quddiem it-Tribunal u għaldaqstant il-verbal tat-8 ta' Jannar 2014 għadu jgħodd.

Franco Masini

Chairman